IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 29

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **it-Tlieta 2 ta' Frar 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

29.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 28 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**29.3 Korrispondenza**

29.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Scicluna bil-qisien tal-bini fil-Pjazza tal-Birgu li kien iservi bħala l-Azzjoni Kattolika tal-Irġiel sabiex il-faċċata tal-bini tiġi trasformata f'ġnien vertikali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan m'għandux isir minħabba l-fatt li jekk jiġi biex jinbiegħ, ikunu saru spejjeż għalxejn.

29.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mil-Community Policing Team Leader, is-Sur Mark Cremona (PS 345) dwar il-Pulizija fil-Komunità li se jkun qed jiġi introdott fil-Birgu. Is-Sindku spjega li huwa kellu laqgħa mas-Sur Cremona fuq dan il-proġett li ser jara l-bidu tiegħu aktar tard fis-sena 2021. Is-Sindku qal ukoll li l-Pulizija qed jitolbu l-għajnuna finanzjarja sabiex tinxtara rota tal-elettriku 'E-Bike' għall-prezz ta' elfejn u mija u ħamsin Ewro (€2150) kif ukoll l-ispejjeż sabiex tinkera karozza. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li l-kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tar-rota tal-elettriku biss.

29.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarja tal-assoċjazzjoni ALDA sabiex isir il-ħlas annwali ta' tlett mitt Ewro (€300) għas-sena 2021. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament li din titħallas.

29.3.4 Preżentata ċirkulari numru *SPI/SCI/3/2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021*. Is-Sindku qal li jekk kulħadd jaqbel, napplikaw għall-fondi għall-attività tal-Birgufest 2021, dejjem jekk din issir. Il-Viċi-Sindku qal li jkun tajjeb jekk noħorġu b'idea ta' attività li tistà ssir ankè fi żmien li għaddejin minnhom sabiex b'hekk il-kunsill jieħu xorta l-fondi għas-sena 2021 relatati mal-attivitajiet kulturali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu fuq din il-proposta u għalhekk kellha tinsab attività oħra alternattiva sabiex napplikaw għaliha.

29.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Enzo Cachia fejn wara li l-kunsillier Trevor Mizzi talab biex ikollna aġġornament kemm fadal fondi għall-Kunsill Lokali tal-Birgu fid-Development Planning Fund, konna infurmati li fadal dsatax-il elf tmien mija disgħa u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€19,889.32). Għaldaqstant, is-Sindku qal li b'dawn il-flus jistgħu jinbidlu erbgħa u għoxrin lampa miż-żona ta' Fuq tal-Ħawli wara li jinġiebu tlett (3) kwotazzjonijiet u tintgħażel l-irħas offerta. Il-kunsilliera qablu unanimament fuq din il-proposta.

29.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Antonella Galea, segretarja tar-Reġjun Xlokk dwar il-proġett *360 Vr Tours Project*. Dan huwa proġett li nieda r-Reġjun Ċentru u li se jkun qed jagħmlu u jiffinanzjah ukoll ir-Reġjun Xlokk fejn permezz ta' viżwalizazzjoni 360 tal-knejjes parrokkjali, tinbena website bl-informazzjoni u *tour* f'dawn il-knejjes. L-ispiża hija ta' elf ħames mija u tmenin Ewro (€1580) li ser ikunu rifonduti kollha mir-Reġjun. Is-Sindku qal li jkun għaqli li fil-każ tal-Birgu jsiru iż-żewġ knejjes, kemm dik Parrokkjali u dik tal-Lunzjata. Is-Sindku qal li b'hekk ma tinħoloq l-ebda kwistjoni u jekk ikun hemm bżonn, il-ħlas għat-tour tal-Knisja tal-Lunzjata titħallas mill-Kunsill stess. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li filwaqt li jaqbel ma' dak li qed jipproponi s-Sindku, jipproponi li l-filmati u ritratti li jittieħdu fil-Knisja tal-Lunzjata, jittieħdu fi żmien il-festa meta tkun imżejna. Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li jaqbel ukoll ma' dan li qed jintqal u ppropona li għandu jsir l-istess bil-Parroċċa, jiġifieri, il-filmati u ritratti jittħieħdu fil-ġranet tal-festa. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu ma' dawn il-proposti.

29.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Nadya Debattista, bint Lino Bugeja fejn spjegat li hi kienet tkellmet mas-Sur Alexander Abela dwar ittra li hu bgħat lill-kunsill sabiex jitwaqqaf bust għall-mibki Lino Bugeja. Is-Sindku spjega li hu se jiltaqa' mas-Sinjura Debattista u se jispjegala li t-tlett busti li saru fil-Birgu, tħallsu mill-familjari u jew terzi. Il-kunsill dejjem ikkolabora f'dawn l-inizjattivi iżda qatt ma ħareġ fondi għalihom u għalhekk l-istess kliem se jkun qed jiġi spjegat lill-familjari ta' Lino Bugeja. Il-kunsilliera qablu wkoll unanimament.

29.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Michael Cohen, għan-nom ta' Transport Malta dwar applikazzjonijiet u policies ġodda dwar dak kollu li jitpoġġa fit-toroq bħal bollards, tabelli, eċċ. Is-Sindku qal li għal kull oġġett li se jkun qed jitqiegħed fit-toroq irid isir b'applikazzjoni.

29.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Bormla bl-istqarrija għall-istampa dwar l-inizjattiva u l-kuntratt li ffirmaw il-kunsilli ma' The Notebook Centre sabiex issir il-promozzjoni.

29.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo sabiex il-kunsill jiltaqgħa mal-Ministru rigward il-proġett ta’ pavimentar tal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa wara li l-istess diskussjonijiet kienu saru mal-Ministru ta’ qabel. B’hekk, ikun xieraq li dak li ġie diskuss, issa jkun spjegat mal-Ministru preżenti sabiex ikunu jistgħu jitħejjew il-pjanijiet għal dan il-proġett.

29.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marica Axiaq, Prinċipal fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-għotja ta’ siġar tal-Palm lil dawk il-kunsilli li għandhom spazju fejn jiġu mħawlla sabiex minn dawn il-palm, isiru l-kannizzati għall-sajd. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li l-Birgu m’għandux post fejn jitħawwlu dawn is-siġar.

29.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Robert Tabone, operatur tal-Small Grant Schemes fi ħdan in-Norway Grants fejn informa lill-kunsill li se tkun qed issir sessjoni ta’ taħriġ dwar dawn il-fondi u li huwa ferma importanti li s-Sindku u/jew is-Segretarju jattendu għal din is-sessjoni.

29.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Clint Axisa minn Transport Malta sabiex Triq il-Mandraġġ u parti minn Triq l-Antika jkunu parkeġġ riservat għar-residenti biss wara l-istess residenti taż-żona qed jilmentaw minn ħafna parkeġġ minn persuni mhux mil-lokal u parkeġġ abbużiv. Il-kunsilliera qablu ma’ din il-korrispondenza.

29.3.14 Preżentati d-dokumenti kollha mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar relatati mal-ħruġ tal-permessi approvati sabiex fuq il-bejt tal-Berġa ta’ Franza isiru l-pannelli solari.

29.3.15 Preżentati kwotazzjonijiet għal sitt siġġijiet għad-daħla tas-sala prinċipali tal-Berġa ta’ Franza. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li mmorru għall-irħas kwotazzjoni sabiex ikunu jistgħu jinxtraw.

29.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Ministru tal-Akkomodazzjoni Soċjali Roderick Galdes dwar laqgħa li l-kunsill jixtieq jagħmel mal-istess Ministru. Is-Sindku spjega li l-laqgħa, li kienet fuq suġġeriment tal-kunsillier Anton Gellel, saret nhar it-Tlieta 2 ta’ Frar fl-uffiċċju tal-Ministru fejn ġie diskuss sabiex djar jew appartamenti tal-Gvern li huma battala għandhom jingħataw l-ewwel preferenza lil żgħażagħ miżżewwġin mil-Birgu kif ukoll lil dawk l-anzjani li forsi għandhom dar kbira u jixtiequ jbiddlu għal waħda iżgħar. Is-Sindku qal ukoll li ġew diskussi x-xogħlijiet li għaddejin fil-blokok tal-Gvern fiż-żona ta’ Fuq tal-Ħawli. Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll il-Viċi-Sindku

Christopher Cassar filwaqt li l-kunsillier Anton Gellel ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**29.4 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet fil-Berġa ta' Franza**

29.4.1 Is-Sindku qal li x-xogħol issa mexa sew speċjalment fit-taraġ. Apparti hekk, twaħħlu wkoll it-twieqi l-ġodda li saru fis-sular ta' fuq kif ukoll iż-żewġ twieqi li hemm fl-intrata. Is-Sindku qal li jekk jingħata l-fondi meħtieġa, ix-xogħol fuq il-Berġa jista' jasal fi tmiemu għax issa għadda wisq żmien.

29.4.2 Is-Sindku preżenta wkoll stima għall-purtieri quddiem żewġ bibien żgħar għas-Sala John Boxall. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jridu jinġiebu żewġ stimi oħra sabiex b'hekk tintgħażel l-irħas offerta u jkunu jistgħu jiġu ordnati.

29.4.3 Is-Sindku preżenta wkoll stima għad-drapp għall-imwejjed li jintużaw fis-sala. Dan id-drapp ikun bil-piegi quddiem u fuq wara drapp miftuħ biex joqgħdu s-saqajn. . Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jridu jinġiebu żewġ stimi oħra sabiex b'hekk tintgħażel l-irħas offerta u jkunu jistgħu jiġu ordnati.

29.4.4 Is-Sindku qal li hemm bżonn naraw x'inhu meħtieġ sabiex issir manutenzjoni tal-bejt tal-Berġa ta' Franza qabel ma jitpoġġew il-panelli solari peress li l-membrane li hemm m'għadux tajjeb. Il-Kunsillier Anton Gellel irrefera għax-xogħol li sar fuq il-bejt tal-Każin tal-Banda ta' San Lawrenz fejn sar xogħol professjonali fuq is-soqfa u jista' jkun ta' mudell kif irid isir il-bejt tal-berġa. Is-Sindku qal ukoll li l-pjan li l-kunsill jiksi l-arja u l-panelli jiġu żviluppati minn kumpanija, m'għadux applikabbli u għalhekk trid tinħareġ sejħa permezz ta' tender għall-installazzjoni tal-panelli.

**29.5 Approvazzjoni tat-Tender tal-Imprint Concrete BLC/0003-2020**

29.5.1 Is-Sindku John Boxall qal li fit-Tender tal-Imprint Concrete BLC/0003-2020 kien hemm żewġ offerti. L-irħas offerta kienet ta' Silvar Construction and Services Ltd. b'offerta ta' mitejn elf, ħamsa u sittin elf, seba' mija u disgħin Ewro (€265,790) VAT esklużż. Kien hemm ukoll l-offerta ta' Zammit Concrete Works Ltd. li iżda skont il-kumitat ta' evalwazzjoni, l-offerta kellha nuqqasijiet ta' amministrazzjoni u nuqqasijiet tekniċi. Għaldaqsatant, l-unika offerta valida kienet dik ta' Silvar Construction and Services Ltd. is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu u approvaw unanimament l-irħas u l-offerta valida ta' Silvar Construction and Services Ltd.

## 29.6 Tagħrif dwar l-istreet lighting fiż-żona tal-Collachio, swar u knejjes

29.6.1 Is-Sindku flimkien mal-kunsillier Anton Gellel kienu preżenti għal-laqgħa li saret mal-Perit Amanda Giovanni, id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard u d-Direttur tad-Dipartiment tar-Restawr is-Sur Norbert Gatt. F'din il-laqgħa li saret it-Tnejn 1 ta' Frar 2021, ġie diskuss il-kuntratt li ġie mħejji mid-Dipartiment tar-Restawr sabiex id-dwal taż-żona tal-Collachio, swar u knejjes, jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

29.6.2 Is-Sindku qal li ġie maqbul li l-ħsarat preżenti se jitranġaw u jitħallsu mid-Dipartiment tar-Restawr filwaqt li dak kollu li jiġi rapurtat mit-Tlieta 2 ta' Frar 2021, irid jitħallas mill-kunsill bil-finanzji li se jingħataw għal dawn is-sentejn li ġejjin. Il-kuntratt jistipula li jingħataw lill-kunsill erbatx-il elf Ewro fis-sena għall-ħsarat u manutenzjoni filwaqt li jiġi rivedut u ffirmat ukoll wara sentejn. Wara d-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-kuntratt ġie ffirmat mill-partijiet kollha ikkonċernati.

## 29.7 Aġġornament dwar il-ktieb ta' ritratti antiki fuq il-Birgu

29.7.1 Is-Sindku qal li bl-għajnuna ta' George Agius, qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dan il-ktieb ta' ritratti antiki tal-Birgu. Involuti wkoll f'dan il-proġett hemm is-Sur Lawrence Ellul li se jagħmel it-traduzzjoni tal-kliem għall-Ingliż u s-Sur Joe Smith għall-ġbid ta' diversi ritratti. Ġie spjegat li l-idea hi li dan jitqassam lli kull residenza. Iv-Viċi-Sindku rrimarka li dawn għandhom jinġabru mill-kunsill u mhux jitqassmu fid-djar biex ma jkunx hemm ħela filwaqt li dawk li mhux interessati li jkollhom kopja, ma jiħdux waħda għalxejn.

29.7.2 Is-Sindku spjega li flok in-noti ta' kull ritratt ikunu bil-Malti u bl-Ingliż, isiru elf kopja bil-Malti u elf kopja oħra bl-Ingliż. Ir-ritratti qed jinġabru wkoll minn George Agius. Fuq dan il-proġett kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera kollha.

## 29.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku

29.8.1 Is-Sindku ressaq tlett kwotazzjonijiet għal *pen drives* 8GB bil-print fuqhom għall-kwantità ta' mija (100) u/jew mitejn (200) sabiex dawn ikunu għall-użu tal-kunsill b'mod speċjali għal xi konferenza jew attivitajiet oħra tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li mmorru għall-irħas offerta għall-ammont ta' mitt (100) *pen drive* bil-print full-colour.

29.8.2 Is-Sindku preżenta email li juri li rnexxielu jġib donazzjoni ta' ħames mitt Ewro (€400) b'risq il-kuntratt li ġie ffirmat ma' The Notebook Centre.

29.8.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Diċembru 2020. Dawn kienu approvati unanimament.

29.8.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Joe Attard mill-kumpanija Green MT sabiex jiddiskutu l-possibiltà li l-borża l-griża tibda tinġabar darbtejn fil-ġimgħa. Intant ġie deċiż li din tibda tinġabar nhar ta' Tlieta u Ġimgħa u magħha jitbattlu wkoll l-iskips tal-Bring-in Sites. Din se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2021 u se tkun bi prova għal xahrejn. Il-kumpanija Green MT ser tavviċina lill-kuntrattur preżenti ta' nhar ta' Tlieta sabiex twaqqfu mill-ġbir tal-borża l-griża u tqabbad kuntrattur ieħor hekk kif dan il-ġbir jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija.

29.8.5 Is-Sindku qal li x-xogħol tal-Imprint Concrete ta' Triq San Anton se tħallsu l-kumpanija li ser tiftaħ l-*boutique hotel* li hemm fl-istess triq. Għalhekk il-kunsill talab stima tax-xogħol sabiex jgħaddiha lill-kumpanija. Il-kunsill aktarx ikollu jagħmel tajjeb għax-xogħol li jrid isir mill-Korporazzjoni tal-Ilma. Il-kunsilliera qablu li la darba l-wiċċ ser jitħallas, ikun xieraq li l-kunsill jagħmel il-parti tiegħu u jħallas l-ispejjeż l-oħra marbuta mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

29.8.6 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li kien tkellem mas-Sur Sandro Craus u d-dawl tax-Xatt (Triq l-Assedju l-Kbir) mill-mina 'l ġewwa ġie rranġat u qed jixgħel kollu. L-arblu li kien bil-ħsara nqala u qed jissewwa sabiex jerġa jitwaħħal f'postu.

29.8.7 Il-Kunsillier Trevor Mizzi ġibed l-attenzjoni li Triq Patri Indri Vella O.P. saret 'parking privat' għal min qed jaqla' l-bollard, idaħħal il-karozza u jipparkja fin-nofs bil-konsegwenza li t-triq mhix tkun aċċessibli kif suppost. Is-Sindku qal li dik il-bollard kellha katnazz li jinfetaħ skont il-bżonn iżda jidher li xi ħadd kissru. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk il-kunsilliera jaqblu, la darba din it-triq issir bl-imprint concrete, il-bollards min-naħa ta' Triq San Filippu jkunu fissi u l-aċċess għal xi emergenza jkun biss minn Triq La Vallete fejn il-bollards ikunu jistgħu jitneħħew. Il-kunsilliera qablu unanimament.

29.8.8 Il-Kunsillier Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li t-tappiera fi Triq il-Mina l-Kbira viċin l-istabbiliment D Centre qed tisfronda wkoll u għalhekk hemm bżonn li titranġa.

29.8.9 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li ġie avviċinat mir-residenti tal-Pjazetta ta' San Filippu sabiex jitneħħew U-bars li qegħdin hemm mingħajr użu. Is-Sindku qal li se jibgħat lill-ħaddiema biex jitneħħew.

29.8.10 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li la darba ġie nieqes l-anzjan li kien joqgħod fi Triq l-10 ta’ Awwissu u kellu bżonn parkeġġ riservat, dan il-parkeġġ jista’ jitneħħa u jsir wieħed normali.
29.8.11 Il-Kunsillier Jason Portelli qal li tkun idea sabiħa jekk isir xi forma ta’ rikonoxximent lil ex-Sindku JC Azzopardi fil-Berġa ta’ Franza. Qal ukoll li jixraq li ssir lapida u fuqha jitniżżlu l-ismijiet tal-kunsilliera kollha li kien parti mill-kunsill. Is-Sindku qal li dan il-ħsieb kien diġà ssemma f’leġislaturi oħrajn.

29.8.12 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar ippropona l-idea li din is-sena l-attività tal-Begigga, tkun organizzata mill-kunsill. B’hekk ikollha aktar promozzjoni u tħeġġeġ lil dawk il-Vittoriosani li joqgħdu barra l-Birgu sabiex jattendu. Sintendi, l-attività trid issir skont ir-regolamenti tal-Awtorità tas-Saħħa. Fuq din ma kien hemm ‘l ebda deċiżjoni.

29.8.13 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li nhar it-Tlieta 9 ta’ Frar 2021 fil-5:30pm niltaqgħu ftit sabiex issir ftit diskussjoni ta’ ideat dwar il-Belt jew Raħal Kulturali 2022 kif ukoll dwar attivitajiet kulturali li jisgħu jiġu organizzati apparti l-Birgufest sabiex naplikaw għall-fondi tagħhom mill-iskema li ħarġet għall-finanzjament ta’ attivitajiet kulturali għas-sena 2021 kif propona l-Viċi-Sindku.

29.8.14 Il-Viċi-Sindku qal li għalkemm il-kunsill bgħat lir-Reġjun Xlokk li qed nuru interess li napplikaw għall-Belt Kulturali Ewropea 2031, l-applikazzjoni għad trid timtela’ għaliex dik l-email li ntbagħtet lir-Reġjun, prattikament ma tfisser xejn. Is-Sindku talab lill-Viċi-Sindku biex iġib aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni.

**29.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 21** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5846** sa **BOV 5863** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta’ ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b’mod unanimu l-iskeda preżentata.

**29.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 2 ta` Marzu 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **2 ta’ Marzu 2021.**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

Christian Lawrence Raggio Vella
Aġent Segretarju Eżekuttiv